**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**-vs-**

**Iakob Nori, iben Kalifa u Sliema nee` Yarru, imwieled Tripli fit 2 ta' Frar, 1976, ta' nazzjonalita` Libjana, residenti gewwa 14, Pjazza San Leonardu, Mosta, u detentur tal-Passaport Libjan bin-numru 281398**

***Kumpilazzjoni Nru. 464/2014***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Iakob Nori u ċioè talli:

Nhar is-7 ta' Dicembru, 2012, ghal habta ta' 14.00hrs u fil granet ta' qabel gewwa Triq il-Pwales, ix- Xemxija, San Pawl il-Bahar, u fil-Gzejjer ta' Malta-

1. Minghajr ordni skond il-Ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Agostino Bartolo ta' 81 sena kontra l-volonta' tieghu;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minn fuq il-persuna ta' Agostino Bartolo, ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont 1,200euro u sikkina tal-ikel, ghad-detriment ta' Agostino Bartolo, liema serq hu kwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-ammont t'elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta Ewro (€2,329.37c); liema serq u kwalifikat bil mezz, valur u vjolenza;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kenux delitti taht l-Att dwar l-Istampa;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded u ingurja lil Agostino Bartolo bi strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr ma darbu;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew xort'ohra sabiex indahal biex ibieghom jew imexxihom;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b'diversi sentenzi, kien fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi u cioe` sikkina u balaklava minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien;

8. talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Agostino Bartolo biza li ser tintuza vjolenza kontrieh, meta kien jaf jew messu jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr A. Vella LL.D, u dan waqt li kien mehlus mill-arrest taht garanzija personali ta' €5,000 u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr A. Vella LL.D. u tordna l-arrest mill-gdid ta' Iakob Nori. Kif ukoll, li tordna li somma ta' flus bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenza tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn tlett snin.

Il-Qorti ġiet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

F'kaz ta' htija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A, 383, 384, 385 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-28 t'Awissu, 2015,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi xehed l-**Ispettur Joseph Busuttil** li spjega kif nhar is-7 ta' Dicembru, 2012, kien gie rrapurtat hold-up fuq anzjan ta' 81 sena, Agostino Bartolo, fil-Pwales, ix-Xemxija, meta dan safa aggredit minn zewg persuni li kienu mghammdin u armati b'sikkina.[2] L-ispettur spjega kif is-suspett waqa' fuq certu Anthony (Twanny) Grima wara li minn indagini rrizulta li ntuzat vettura ta' certu Nadine Ellul li dak iz-zmien kienet t-tfalja ta' Grima. Ellul kienet anke nvolviet lill-imputat fl-istess serqa. Fl-14 ta' Dicembru, 2012, Nori gie mitkellem mill-Pulizija fejn cahad li kellhu xi nvolviment fil-hold-up. Kien fil-21 ta' Dicembru, 2012 li Grima, kkonfrontat bi provi godda, ammetta l-involviment tieghu u dak tal-imputat, fil-hold-up.

Illi jigi rilevat mill-ewwel li ghalkemm ma tqajjmet ebda eccezzjoni f'dan ir-rigward, ghal kull buon fini jinghad li l-Qorti qed tiskarta din l-istqarrija u x-xhieda moghtija quddiem l-espert tal-Qorti tenut kont li jipprovdi l-artikolu 548 tal-Kodici Kriminali:

> Iżda wkoll, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar.

Ghall-istess raguni mhux qed tittiehed konjizzjoni ulterjuri tar-relazzjoni tal-espert Dr Anthony Cutajar.

Illi gie esebit il-**Current Incident Report**, redatt minn **PS830 Christopher Debono**,[3] minn fejn jirrizulta li s-serqa saret ghal xi 2pm. Quddiem il-garaxx minn fejn sehhet din is-serqa kienu gew elevati balaklava u sikkina li kienet tappartjeni lill-vittma. Fil-fatt wiehed mill-hallelin, qabel ma harbu mill-fond, kien ha sikkina tal-hobs li kienet fuq il-fridge.[4]

Illi meta gie nterrogat l-ewwel darba, fl-14 ta' Dicembru, 2012, l-imputat cahad li jaf lil Twanny Grima.[5] Cahad li fis-6 jew fis-7 ta' Dicembru kien ix-

[1] Fol.258
[2] Fol.13
[3] Xhieda a fol.201 et seq
[4] Fol.20
[5] Dok. JB 4 a fol.30 et seq.

Xemxija anzi qal li kienu ilu snin ma jersaq l'hemm. L-imputat kien kkonferma li kien immur ghand il-'Mellows', hanut il-Mosta, ghat-te` filghodu. Rilevanti hafna dan l-estratt fl-istqarrija tieghu, in vista li lejn l-ahhar ta' dawn il-procedmenti l-imputat pprezenta xhud, Dione Vella, sabiex jipprova li fis-7 ta' Dicembru, hu kien fuq sit ta' kostruzzjoni l-Mosta:

*M. Fis-7 ta' Dicembru, 2012 int kont qieghed ix-Xemxija?*

*T. Le il-gimgha ma nziltx ix-Xemxija.*

*M. Fejn mort il-gimgha?*

*T. **Filghodu nzilt Birkirkara ghaliex kellhi xi qadi u filghaxija l-Mosta bqajt**....*

*M. Ma min tahdem*

*T. Nahdem wahdi......**Ili ma nahdem kwazi sena**.*[6]

Illi ghalhekk ma hemm ebda raguni, li ghandha mis-sewwa, ghaliex Nori meta mistqosi fejn kien dakinhar tas-serqa baqa' ma semma xejn dwar li kien qed jaghmel xi xoghol ma' Vella. Minflok qal li kien Birkirkara fejn mar jaghmel il-qadi? **Mhemmx dubbju li qatt ma kien qed jaghmel xoghol ma Vella gewwa l-Mosta dakinhar tas-7 ta' Dicembru, 2012, anzi jibqa ma jaghti ebda dettal ulterjuri dwar fejn haduh il-qadi li semma' li kien ghamel dakinhar, dawn f'hiex kienu jikkonsistu u kemm dam jaghmel dawn il-qadi.**

Illi ghalhekk altru` li ma kienx fuq xoghol iwaqqa' turgien ma Dione Vella fi Triq Kurat Bezzina, l-Mosta[7] meta qed jiddikjara li ilu bla xoghol sena!! Bla dubbju wkoll Vella kien ghal kollox inveritjier fix-xhieda tieghu, fejn il-Qorti kellha twissieh kemm il-darba dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza. Ghalhekk ix-xhieda ta' dan ix-xhud qed tigi kompletament skartata peress li ma offra ebda kredibbilita`.

Illi Twanny Grima kien gie mressaq il-Qorti dwar il-kaz fejn wara ammissjoni, nhar it-18 ta' Jannar, 2014, gie sentenzjat ghal 18 il-xahar habs.[8] Fit-tieni stqarrija li ttiehdietlu nhar is-7 ta' Mejju, 2014, sena u nofs wara l-ewwel stqarrija, l-imputat ma jirrispondi ghall-ebda domanda fosthom *"Hemm xi nies li jistaw jghidu fejn kont qieghed fis-7 ta' Dicembru?"* fejn l-imputat baqa' sieket.[9]

Illi **Anthony Grima** (maghruf bhala Twanny) xehed kif kien sar habib mal-imputat u kif darba minnhom *"l-gurnata kienet l-Erbgha u kien cempilli biex nintaqghu l-Mosta u kien kellimni dwar dan ix-xih fuq din is-serqa ....dan kien qalli li kien ipoggi go hanut il-Mosta l-Mellows, filfatt Nori kien jarah ipoggi*

[6] Fol.31
[7] Fol.289 u 290
[8] Dok.JB9 a fol.45
[9] Fol.41

*hemm lil dan ix-xih, filfatt kien cempilli l-Hamis u morna naraw fejn kien joqghod dan ix-xih. Jien ma kellix idea minn hu dan ix-xih jien u lanqas fejn joqghod, in-naha tax-Xemxija ghax minix midhla t'hemmhekk. Di fatti filfatt konna morna l-Hamis u mill-Hamis morna naraw fejn u tlaqna l'hemm. Il-Gimgha filghaxija... Ma habbatnilux. Il-Gimgha morna, kien cempilli niftakar u qalli li x-xih kien rah il-Mosta qieghed jixtri xi hwejjeg, reggha cempilli qalli wara l-ofsinhar immorru naghmluha, fil-verita' qbadt u ghaddejt ghalih u morna ghamilnieha."*[10] Grima kkonferma li Ellul kienet ltaqghet ma' Nori fiz-zmien li kienu qed jippjanaw is-serqa izda hi ma kellha l-ebda involviment.[11] Jichad li qatt kellhu xi glied mal-imputat. Ikompli li *"jien dan ix-xih lanqas idea tieghu la fejn joqghod jigifieri hu qalli li joqghod ix-Xemxija u jghix wahdu... di fatti Nori ha l-flus mill-qalziet tieghu u qal li kellu xi tmin mija. Fil-verita' dan qabad, peress illi l-flus zammhom hu kien, taghni erba' mija minnhom u l-kumplament hadhom hu.... jien qalli tmin mija kien hemm."*[12]

Grima jikkonferma li kemm hu kemm Nori kienu armati bi skieken u kienu libsin barnuza, skufja b'wicchom maghmmad.[13] Lejlet is-serqa kienu uzaw il-Mazda tieghu izda ghamlu s-serqa bil-vettura ta'missier Nadine Ellul. Mistoqsi ghaliex wettaq din is-serqa jghid *"Gheghlni Nori."*[14]

Illi **Nadine Ellul** kkonfermat l-istqarrija li rrilaxxat lill-Pulizija nhar it-8 ta' Dicembru, 2012[15] u spjegat kif l-erbgha [5 ta' Dicembru] hi u Twanny Grima kienu marru l-Mosta u ltaqaw mal-imputat bil-karozza ta' Grima, li kienet Mazda. Twanny kien gja semma li kienet ser issir serqa ghaliex kien qalilha li ltaqa ma wiehed Gharbi l-Mosta, li nfurmah li kien hemm anzjan li joqghod ix-Xemxija f'garaxx u li kien ikollu hafna flus fuqu. L-ghada [6 ta' Dicembru] Twanny rega' semma li hu w Nori kienu sejrin ix-Xemxija biex jaraw fejn joqghod dan l-anzjan u kif kienu ghaddew diversi drabi minn quddiem il-post. <u>Kien anke qalilha li kienu talbu lill-anzjan ghall-ilma bhala skuza biex jissindikaw il-post</u> fejn raw li kien hemm katina mal-bieb tal-garaxx. Il-gimgha 7 ta' Dicembru, 2012, fi triqathom lejn ir-residenza taghha f'San Gwann, Grima qalilha li wara li jwassalha d-dar kien sejjer ghall-imputat sabiex imorru ghand l-anjzan ix-Xemxija. Hi taghtu l-vettura taghha peress li l-Mazda kienet ghada bla batterija. Meta kienu ghadhom id-dar ghandha, Grima cempel lill-imputat sabiex jara jekk l-anzjan kienx ghadu l-Mosta fejn Nori kien qallu li kien ghadu fuq l-istage. <u>Tikkonferma li kienet taf li kienu ser jintuzaw sikkina u balaklava ghaliex kien uriehilha meta libisha il-Hamis biex jaghtiha qata'.</u>[16] <u>Kien anke qalilha li rema' is-</u>

[10] Fol.50
[11] Fol.52
[12] Fol.53
[13] Fol.54
[14] Fol.55
[15] Fol.57 et seq. Dok. JB3 a fol.27
[16] Fol.63

sikkina u l-balaklava xi ftit bibien il-fuq minn fejn kienu ghamlu s-serqa. Bhala ammont tghid li Grima kien qalilha li lill-anzjan kienu serquh €800.[17]

Illi l-vittma, **Agostino Bartolo** xehed kif hu kien rieqed u xhin qam sab tnejn minn nies mghammda, b'sikkina ma ghonqu. Dahhlu fuqu billi qalghu katina u kienu serquh €1,200[18] *"Qaluli tighna l-flus bis-sikkina m'ghonqi u kont rieqed jiena u you can't do nothing, u ghidtilhom fejn huma l-flus u haduhom u telqu."*[19] Dwar l-imputat jghid li ghalkemm qatt ma tkellem mieghu kien jarah ghal breakfast ghand il-Mellows fejn hu stess kien imur ta' spiss.[20] In kontro-ezami jixhed kif kien gharaf lil Twanny Grima bhala dik il-persuna li kienet marret ghandu lejlet is-serqa u talbitu ghall-ilma. Lil Nori ma kienx gharrfu bhala l-persuna li wettqet is-serqa fuqu *"ghax l-ewwel wahda kienu mghammdin u jiena kont rieqed meta dahlu fuqi."*[21]

Illi l-prosekuzzjoni prezentat certifikat tat-twelid tal-vittma Agostino Bartolo, minn fejn tirrizulta l-eta` ta' l-fuq minn tmenin sena tal-parte leza.[22]

Illi **PC1214 Malcolm Sammut** spjega kif fis-7 ta' Dicembru, 2012, kienet giet rapportata serqa fi Triq Pwales, Xemxija. Kienu nsterqu madwar €1,200 wara li zewgt irgiel dahhlu mghammdin fuq anzjan. L-istess vittma kien spjega kif il-jum ta' qabel kien mar ghandu ragel Malti li talbu flixkun ilma ghax kienet sahnittlu l-karozza u xhin ra li dan ma marx lejn il-karozza, issuspetta hazin. Il-Pulizija kienet imbaghad rceviet informazzjoni anonima dwar vettura LAI689 li fiha dehru zewgt minn nies suspettuzi.[23] Ftit lil hinn mill-garaxx fejn saret is-serqa kienu nstabu balaklava u sikkina li rrizulta kienet inharget mill-fond misruq, hekk kif kien gja qal Twanny Grima lil Nadine Ellul,. L-anzjan kien qal li z-zewgt irgiel kienu tkellmu bil-Malti. [24] Il-Qorti ma tara xejn stramb b'dan tenut kont li l-imputat fi stqarrija li ta bil-lingwa Maltija minghajr il-htiega ta' interpretu, fejn *inter alia* stqarr li kien ilu jghix il-Mosta ghal tnax il-sena.[25]

Illi **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta dokument li juri l-vettura LAI698 kient registrata fuq Twanny Grima sa mis-17 t'Awissu, 2012. Din kienet l-istess vettura li kienet giet rappurtata lill-Pulizija li kienet intlemhet fejn il-garaxx tal-vittma lejlet li sar il-hold up.[26]

Illi **WPS48 Sarah Zerafa** xehdet li l-imputat ma kellhu ebda licenzja dwar armi.[27]

---

[17] Fol.62
[18] Fol.72-72
[19] Fol.73
[20] Fol.74 u jerga' jikkonferma dan in kontro-ezami a fol.255
[21] Fol.287
[22] Fol.193
[23] Fol.210
[24] Fol.211.
[25] Fol.33
[26] Fol.252
[27] Fol.268

Illi l-abbli difiza ssolevat il-punt li Anthony (Twanny) Grima hu komplici tal-imputat fejn kien anke akkuzat bl-istess serqa.

Illi xhieda ta' ko-akkuzat tibqa' inammissibli sakemm il-proceduri fil-konfront tieghu ma jkunux saru *res judicata*.

Illi kif qalet il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Grazio Spiteri:**[28]

Dana il-principju johrog minn applikazzjoni *a contrario senso* ta' dak li jistabbilixxi l-artikolu 636(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie interpretat mill-qrati taghna fis-sens illi x-xhieda ta' ko-akkuzat, anke jekk ikun ghaddej proceduri kriminali separati hija inammissibbli u dana sakemm l-proceduri tieghu ma ighaddux in gudikat, meta imbaghad huwa isir xhud kompetenti. Fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et** (App.Krim. 31/07/1998 gie deciz:

"**Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici, kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dana il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza ta'l-akkuzat l-iehor – b'mod li jiun hemm ko-akkuzat fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati.**

**Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding:**

***Maltese law, in fact, section 632, Chapter 12* (illum 636, Kap.9), *considers as incompetent to give evidence (except, of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to ....* (P vs Alfred W. Luck et App.Krim 25/04/1949).**[29]

Illi dana l-argument gie elaborat ukoll fi-sentenza **Il-Pulizija vs – omissis- Saada Sammut**[30] fejn intqal:

"**Illi l-posizzjoni korretta hija li jghidu x'ighidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkuzat/i iehor jew ohrajn. Din ir-regola giet sahansitra interpretata w estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn il-persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlie meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. .....**

**Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia." **Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza hemm iccitata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor <u>sakemm il-kax taghha ma jkunx gie defittivament deciz</u> u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma**

---

[28] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Deciza 19.04.2012 per Onor Magistrat Dr. Edwina Grima

[29] Ara ukoll App.Krim. **Il-Pulizija vs *omissis* Jeremy Farrugia** deciza fit-23 ta' Mejju 2001 (per Prim'Imhallef Vincent Degaetano)

[30] App.Krim. 16/11/2006 per Imhallef Joseph Galea Debono.

**hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella" (4.2.2004) u ohrajn) L-uniku eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art.636(b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.**"

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Teresa Agius**:[31]

"Issa hu principju elementari tad-dritt ta' procedura penali taghna li dak li jistqarr ko-akkuzat, sia jekk bil-fomm biss us sia jekk bil-miktub, ma jaghmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkuzat iehor. Dan il-principju jitnissel kemm mill-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali kif ukoll mill-artiklu 636(b) ta' l-imsemmi Kodici. Infatti l-gurisprudenza taghna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita` tax-xhieda tal-ko-akkuzat kemm il-darba l-kaz tieghu ma jkunx gie definitivvament konkluz; ara, inter alia, **R. vs Carmelo Cutajar *ed altri***, 18/1/27 (Vol.XXLIV.IV.758); **P. vs Toni Pisani**, 11/11/44 (Vol.XXX.II.792); **R. vs Karmenu Vella** 3/12/47 (Vol.XXXIII.IV.547); **P. Vs Alfred W. Luck *et.*** 25/4/49 (Vol.XXXIII.IV.870); u **P. vs Nicholas Grima**, 31/5/58 (vol.XLII.IV.1393), kollha appelli kriminali."

Illi minn dana kollu ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda diffikulta' sabiex tiddetermina li din ix-xhieda hija wahda ammissibbli u ghaldaqstant qed tiehu konjizzjoni taghha. Din ix-xhieda inghatat zmien wara li l-proceduri penali fil-konfront ta' Grima ghaddew in gudikat. Fuq kollox tqis li dik ix-xhieda ghandha mis-sewwa.

Tenut kont tar-rizultanzi processwali l-Qorti ma jifdalla ebda dubbju li tirrizulta l-htija tal-imputat fl-ewwel hames imputazzjonijiet sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi l-ewwel u r-raba imputazzjonijiet huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni.

Illi s-sitt imputazzjoni nghatat bhala alternattiv ghat-tieni imputazzjoni li qed tinstab htija dwarha u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi s-seba' imputazzjoni ma tirrizultax petess li la s-sikkina u lanqas il-balaklava ma jinkwadraw bhala ghoddod li ssir riferenza ghalihom fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar it-tmien imputazzjoni issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef:**[32]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

---

[31] Onor Imhallef Dr Vincent Degaetano. Dec 11.07.1997

[32] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday..."**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi l-ligi titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct,* u minn dina l-esposizzjoni legali jirrizulta illi dan ir-reat ma jissusistix jekk dan ikun xi incident izolat kif fil-fatt huwa il-kaz in ezami. Dwar din l-imputazzjoni jigi osservat li kien l-artikolu 251 tal-Kodici Kriminali li gie citat mil-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju ghall-gudizzju u mhux l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali li fih tinkwadra t-tmien imputazzjoni. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat mill-istess imputazzjoni.

Illi l-Qorti tirrileva li s-sentenzi esebiti mill-Ispettur Carlos Cordina jimmilitaw kontra is-sejbien tal-imputat bhala recidiv. Fil-fatt wahda ggib id-

data tas-17 ta' Marzu, 2015,[33] u cioe` wara li nbdew dawn il-proceduri, u l-ohra moghtija f'Gunju, 2007, fejn l-imputat gie liberat minn kull htija![34]

Illi mill-verbal tal-11 ta' Novembru, 2014, irrizulta li l-Ispettur Carlos Cordina pprezenta kopja tad-digriet li bih l-imputat kien nghata l-helsien mill-arrest mill-Magistrat Dr Anthony Vella nhar il-25 ta' Mejju, 2009.[35] Madanakollu minn ezami tal-process jidher li dan id-digriet ma kienx gie inserit fl-atti.

Ghalhekk din l-imputazzjoni, bhal l-addebitu tar-recidiva, ma gietx ppruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tal-akkuzi li qed tinstab htija dwarhom, tal-fatt li dawn l-akkuzi saru fuq anzjan ta' 81 sena, li jum qabel ma hasibiex darbtejn biex ta l-ghajnuna minnu rikjesta lill-istess persuni li l-ghada, b'mod koddard u viljakk, dahhlu fuqu, heddewh u serquh.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 48A, 86, 261(a), (b), (ċ), 262, 263, 267, 275, 276A, 277, 278, 279(a), 280, 281 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 6, 51 (7), u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni u tillibera lill-imputat mis-seba u mit-tmien imputazzjoni, isib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah ghal seba snin prigunerija kif ukoll ghal-hlas ta' multa ta' €116.47.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tissospendi kull liċenza maħruġa taħt dak l-Att u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenza taħt l-istess Att għal hames snin millum.

Kif ukoll biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parti leza Agostino Bartolo, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Agostino Bartolo ghal zmien tlett (3) snin.

---

[33] Fol.273
[34] Fol.275
[35] Fol.105. Vide xhieda tal-Ispettur Cordina a fol.101

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €130.45 rapprezentanti nofs l-spejjez peritali.[36]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[36] Ma giex inkluz l-ammont ta' €483.52c dovuti lill-espert Dr Anthony Cutajar. In vista tal-fatt li s-serqa twettqet minn zewg imputati, l-imputat Nori qed jigi kkundannat ihallas biss nofs l-ispejjez peritali li jammontaw ghal €260.09.